MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 67/2008

**Francis Cachia (ID 499744M), Georgina Cachia (ID 575331M), Rita Chircop (ID 554537M), Josephine Gauci (ID 234031M), Joseph Borg (ID 46043G) ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Frances Camilleri u Silvia Camilleri ; Joan Cauchi (ID 1090547M) f`isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Joseph Bonello, Salvatore Bonello, Anthony Bonello, Emanuel Bonello, Sylvia Taliana, Frances Rigby, Carmen Frachette, Mary Rose Bonnici, Mary Balzan u Alfred Bonello ; Saviour Cachia (ID 294546M) ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Charmel Cachia, Mary Hili, Carmen Hili, Michael Lino Cachia, Mary Iris Attard, Joseph Cachia, Frances Xerri, Sylvia Micallef u Irene Baldacchino**

***kontra***

**Kenneth Ghiller, Charles Cachia, Josephine Ghiller, Rita Galea u Francis Gatt**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-<u>24 ta` Jannar 2008</u> li jaqra hekk –

*Illi l-esponenti huma lkoll koproprjetarji u kopossessuri tal-fond numru 25, Triq il-Ponta, Isla ;*

*Illi fis-seduta tas-26 ta` Novembru 2007 li saret fil-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fl-ismijiet: Il-Pulizija [Seduta Bormla] vs Sammy Ghiller et, l-esponenti saru jafu li whud mill-intimati kienu taw dan il-fond b`kera lill-intimat Kenneth Ghiller [Dok. A] ;*

*Illi din il-kirja saret minghajr il-kunsens tal-esponenti u bi ksur ta` dak li jiddisponi l-Artikolu 1527 tal-Kodici Civili (Kap.16) ;*

*Ghaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega skond il-Ligi :*

*1. Tannulla l-kirja li nghatat lill-intimat Kenneth Ghiller tal-fond 25, Triq il-Ponta, Isla in kwantu din saret minghajr il-kunsens ta` l-esponenti u bk ksur ta` l-Artikolu 1527 tal-Kodici Civili (Kap. 16) ;*

*2. Tordna l-izgumbrament tal-intimat Kenneth Ghiller mill-fond 25, Triq il-Ponta, Isla f`terminu qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Rita Galea u Francis Gatt prezentata fil-25 ta` Frar 2008 li taqra hekk –

*1. Illi l-esponenti ma humiex legittimi kontraditturi f`dina l-kawza stante li l-azzjoni attrici ghall-izgumbrament tal-konvenut l-iehor Kenneth Ghiller kellha ssir limitatament kontra l-istess Ghiller u ghalhekk l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ;*

*2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-atturi jridu qabel xejn jippruvaw il-mandat taghhom sabiex jagixxu ghall-partijiet assenti ;*

*3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet attrici huma nfondati sija fil-fatt kif ukoll fid-dritt ;*

*4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti Galea u Gatt, u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Kenneth Ghiller, Charles Cachia u Josephine Ghiller ipprezentata fis-26 ta` Frar 2008 li taqra hekk –

*1. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti jridu jippruvaw illi huma l-koproprjetarji tal-fond mertu ta` dina l-kawza u ghandhom titolu validu skond il-ligi u juru kemm huwa s-sehem taghhom jekk ghandhom ta` dan il-fond u min huma l-koproprjetarji kollha ;*

*2. Illi fit-tieni lok u dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li diga` inghad lanqas ma huwa minnu li r-rikorrenti kellhom il-pussess effettiv tal-fond oggett ta` dina l-kawza ;*

*3. Illi fit-tielet lok il-proceduri quddiem dina l-Onorabbli Qorti huma distinti u indipendenti minn dawk kriminali, liema proceduri ma jaghmlu stat ta` fatt la fil-konfront tal-esponenti u wisq anqas fil-konfront tal-intimati l-ohra li ma humeix parti f`dawn il-proceduri ;*

*4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li diga` gie espost ma huwiex minnu li r-rikorrenti ma kinux konxji li saret il-kirja kif sejra tirrizulta mill-provi waqt il-mori tal-kawza ;*

*5. Salv ragunijiet jew eccezzjonijiet ohra u b`riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-intimati sabiex iharsu fost affarijiet ohra d-drittijiet taghhom.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti Kenneth Ghiller, Charles Cachia u Josephine Ghiller.

Rat in-noti gurament**at**i b`dokumenti li l-atturi pprezentaw fit-2 ta’ April 2008 u fit-23 ta` April 2008.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` l-atturi Francis Cachia, Giorgia Cachia,. Josephine Gauci u Saviour Cachia.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-5 ta` Jannar 2009 fejn laqghet it-talba tal-konvenuti Kenneth Ghiller, Charles Cachia u Josephine Ghiller sabiex jipprezenta risposta ulterjuri biex jeccepixxu l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-Art.1527 tal-Kap 16.

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tal-konvenuti Kenneth Ghiller, Charles Cachia u Josephine Ghiller li taqra hekk –

*1. Illi l-azzjoni kif impostata mir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 1527 tal-Kodici Civili (Kap 16) hija reskritta bit-terminu ta` xaghrejn ;*

*2. Salv ragunijiet jew eccezzjonmijiet ohra u b`riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-intimati sabiex iharsu fost affarijiet ohra d-drittijiet taghhom.*

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta` Jannar 2009 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn il-kawza thalliet ghall-provi dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Sammy Ghiller et* deciza fl-14 ta` Mejju 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali.

Semghet ix-xiehda tal-Av. Dr. Joseph M. Buttigieg fl-udjenza tal-21 ta` Jannar 2010 u rat id-dokument li kien esebit mix-xhud.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta’ Paul Gauci.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta` April 2010 fejn kienet mahtura l-Av. Dr. Natasha Buontempo sabiex tisma` x-xiehda tal-konvenuta Rita Galea.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-konvenuta Rita Galea li ddeponiet waqt seduta li nzammet fir-residenza taghha fl-24 ta` Gunju 2010.

Semghet ix-xiehda tal-attur Francis Cachia fl-udjenza tas-7 ta` Ottubru 2010.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-Av. Dr. Frank Cassar.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Josephine Gauci fl-udjenza tal-1 ta` Marzu 2011.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta` Marzu 2011 fejn kienet mahtura l-Av. Dr. Mariella Schembri Gonzi sabiex tisma` x-xiehda in kontroezami ta` Giorgia Cachia.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda li tat Giorgia Cachia in kontroezami waqt seduta li saret fid-dar tar-residenza taghha mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Schembri Gonzi fl-20 ta` Mejju 2011.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-attur Francis Cachia.

Semghet ix-xiehda tal-konvenut Kenneth Ghiller fl-udjenza tas-17 ta` Novembru 2011.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Charles Cachia kif ukoll dokumenti li kienu prezentati mal-att.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Charles Cachia fl-udjenza tat-8 ta` Mejju 2012.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet dwar l-eccezzjoni ulterjuri.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tad-19 ta` Novembru 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum limitatament dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni li kienet eccepita mill-konvenuti Kenneth Ghiller, Josephine Ghiller u Charles Cachia.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. Provi**

**Francis Cachia** xehed illi hu u z-zewg hutu wirtu s-sehem ta` missierhom mill-eredita' tan-nannu taghhom Salvatore Cachia. Is-sehem ta` Salvatore Cachia kien ta` wiehed minn tmienja (1/8). Ghalhekk hu u z-zewg hutu kellhom wiehed minn erbgha u ghoxrin (1/24) kull wiehed. Fil-wirt ta` Salvatore Cachia kien hemm tliet postijiet : wiehed minnhom kien il-fond 25, Point Street, Senglea, li huwa mertu ta` din il-kawza. Fil-fond kienet tghix il-kugina tieghu Nena Gatt. Meta mietet ghal habta tas-sena 2000, il-post gie battal. Pero` bintha Rita Galea ma tatx lura c-cavetta ghaliex riedet kumpens ghal miljoramenti li qalet li kienu saru fil-fond.

Kompla jixhed illi hu thajjar jixtri l-post ghat-tifla tieghu. Rita Galea tatu c-cavetta biex imur jara l-post.

Qal lil Galea li jekk jixtri ma kien se jaghti l-ebda kumpens izda jekk is-sidien l-ohra tal-post kienu se jiddeciedu li jaghtuha kumpens huwa kien lest johrog sehmu bhala werriet. Il-kugini li jghixu barra riedu jbieghu. L-unika haga li kien fadal kienet li jigi stabbilit il-prezz. Xi granet wara, Rita Galea talbitu c-cavetta u hu tahielha. In segwitu cemplet ohtu Giorgia u qaltlu li Kenneth Ghiller kien qieghed jirranga dan il-post. Minn hemm `il quddiem dan Ghiller baqa` fil-post. Sostna li lilu hadd kien avzah li l-post kien inkera jew li xi hadd kien interessat jixtri. Sar jaf ghall-ewwel darba bil-kirja favur Kenneth Ghiller fis-seduta li zamm il-perit legali Av. Joseph M. Buttigieg fid-dar ta` Rita Galea li saret fis-26 ta’ Novembru 2007. Dakinhar inqalghet kwistjoni u hu kien ordnat johrog ‘il barra. Wara li ntemmet is-seduta, kien infurmat b`li kien inghad meta hu ma kienx prezenti. Wara saret il-kawza tal-lum.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, Francis Cachia xehed illi hu kien jigi kugin man-nannu ta` Kenneth Ghiller. Spjega illi hu ma riedx ihallas rigal lil Rita Galea ; ghalhekk ma accettax li jixtri l-post. Cahad li kien qal lil Rita Galea biex taghti l-post lil Ghiller. Wara l-mewt ta` Nena Gatt, ic-cwievet tal-post baqghu ghand Rita Galea ghaliex il-kugini l-ohra kienu qalulha biex izommhom hi sakemm il-post jinbiegh. Huwa thajjar jixtri l-post u allura talab ic-cwievet lil Rita Galea qabel Ghiller mar fil-post.

Frans Cachia xehed illi Kenneth Ghiller kien mar ghandu u talbu c-cwievet tal-post. Ic-cwievet kienu ghand Rita Galea. Huwa kien qal lil Ghiller li huwa ried jixtri l-post. Ikkonferma li ohtu Giorgia Cachia kienet toqghod vicin il-post in kwistjoni. Meta kien imur izur lil ohtu, huwa qatt ma ra lil Kenneth Ghiller jaghmel xi xogholijiet fil-post. Meta sar jaf li Ghiller kien gol-post, huwa ghamel il-kwerela u bdew il-proceduri kriminali. Wara li sar jaf li Ghiller dahal fil-post, huwa kellem lil Rita Galea li qaltlu li riedet tehles minn Ghiller. Qaltlu li kienet tat ic-cavetta lil Ghiller izda ma qaltlu xejn aktar. Sema` bil-kera favur ta` Ghiller fl-ahhar seduta li kienet nzammet fil-proceduri tal-

pulizija u li kienet saret il-Qorti. Ippreciza illi Paul Gauci kien qallu bil-kirja li kienet issemmiet waqt is-seduta li saret ghand Rita Galea. Hemm pero` ma kienx sema` direttament xiehda dwar il-kirja. Qabel dakinhar, huwa kien gie infurmat minn Salvu Cachia li l-fond kien inghata lil Ghiller ghax kien hallsu rigal, izda ma kien issemma xejn dwar kera.

**Giorgia Cachia** xehdet illi l-post in kwistjoni kien fl-istess triq fejn toqghod hi. F`okkazjoni minnhom, rat lil Kenneth Ghiller u lil mara tieghu jnaddfu l-post. Marret tkellimhom u qaltilhom li l-post kien ghall-bejgh. Ghalhekk kellhom johorgu minn hemm minnufih. Ghiller urewha bic-car illi ma kellhom l-ebda hsieb jitilqu mill-post. In segwitu, Ghiller mar joqghod fil-post fejn ghadu sal-lum. Hija qatt ma rceviet minghand Ghiller xi kera jew flus ohra. Lanqas ghamlet xi ftehim ma` Ghiller dwar titolu jew xort`ohra. Ghal kuntrarju, hi mill-bidu nett opponiet li jaghmel uzu mill-post.

Fil-**kontroezami**, Giorgia Cachia xehdet illi kienet Rita Galea illi tat ic-cwievet tal-post lil Ghiller. Hija spjegat li ma kenitx taf kemm Ghiller kien ilu juza l-post pero` kienet pronta avzat lil huha Francis Cachia hekk kif rat lil Kenneth Ghiller fil-post. Taf li sar ftehim bejn Rita Galea u Kenneth Ghiller. Taf li Rita Galea hadet xi flus. Saret taf b`dan ghaliex qaltilha Rita Galea stess.

**Josephine Gauci** xehdet illi ghandha sehem ta` wiehed minn tmienja (1/8) tal-wirt ta` Salvatore u Carmela konjugi Cachia, li jigu n-nanniet taghha. Ommha Giovanna Neil kienet tigi wahda mit-tmint itfal tal-konjugi Cachia. Il-post 25, Triq il-Ponta, Isla, li jaghmel parti mill-wirt, gie battal fl-2002 meta mietet Carmela Gatt, il-kungina taghha, li kienet tokkupa l-fond. Ftit xhur wara saret taf illi Kenneth Ghiller kien dahal fil-post bla ma avza lilha jew lill-eredi l-ohra. Qatt ma rceviet minghand Ghiller xi kera jew hlas talli dahal fil-post. U lanqas ma ffirmat xi skrittura ta` kera mieghu. Jew tatu xi permess biex

jokkupa l-post b`kera. Ghiller kien ighid li Charles Cachia tah permess jidhol fil-post. Hi tat struzzjonijiet lil binha Paul Gauci biex jindaga ma` Charles Cachia dak li kien qed ighid Ghilleri. Pero` Charles Cachia ma tahomx sodisfazzjon. Saret kwerela mal-pulizija kontra Ghiller talli kien fil-post illegalment. Waqt seduta li zamm il-perit legali Av. Joseph M. Buttigieg fis-26 ta` Novembru 2007 semghet ghall-ewwel darba li saret skrittura fejn allegatament wiehed mill-eredi l-ohra kera l-post lil Ghiller.ta` kirja li saret fuq il-post in kwistjoni bejn wiehed mill-koeredi u Ghiller. Sostniet illi hi qatt ma kienet sejra taghti permess biex fl-2004 il-post jinkera ghal Lm20 fis-sena. B`dik l-allegata kirja, kienu pregudikati l-interessi taghha.

Fil-**kontro-ezami**, Josephine Gauci xehdet li kienet il-kugina taghha Mary Balzan li qaltilha li Kenneth Ghiller kien dahal fil-post. Charles Cachia kien jigbor il-kera hu flok missieru Salvu, pero` hi qatt ma hadet is-sehem taghha mill-kera. Ma kenitx prezenti ghas-seduta tas-26 ta` Novembru 2007.

**Saviour Cachia** xehed illi Carmela Gatt kienet tigi ohtu. Kienet toqghod 25, Triq il-Ponta, l-Isla, li kien ghandha b`kera. Mietet Has-Serh f’ Gunju 2002. Wara l-mewt taghha, ic-cwievet baqghu ghand bintha Rita. Wiehed mill-kugini ried jixtri l-post. Min-naha tieghu ma kienx hemm problema dment li jkun hemm qbil fuq il-prezz. Iz-zewgt ulied ta` Carmela Gatt kienu qed jippretendu rifuzjoni ta` xi spejjez li saru fil-post qabel jaghtu lura c-cwievet. Pero` ma ntlahaqx ftehim maghhom. In segwitu kien infurmat li l-post waqa’ f’ idejn Kenneth Ghiller. Dan bidel is-serratura u haddiehor ma setax jidhol fil-post. Qal li fir-Registru Elettorali ta` Ottubru 2003, ma kien jidher l-ebda okkupant fil-fond in kwistjoni u li sa dak iz-zmien Kenneth Ghiller kien registrat fil-fond 1, Manuel’s, Triq Navali, Kalkara. Meta mbaghad hareg ir-Registru Elettorali ta` April 2004, Kenneth Ghiller deher registrat fuq il-fond 25, Triq il-Ponta, Isla, fejn ghadu sal-lum. Insista li hu qatt iffirma jew kien muri xi skrittura ta’

kera tal-post lil Ghiller. Kien biss fis-26 ta’ Novembru 2007 waqt seduta fil-kawza *Il-Pulizija vs Kenneth Ghiller* li ra ghall-ewwel darba skrittura allegatament ta’ kera tal-post favur Ghiller. Qal li l-kirja saret b`ingann fil-konfront tal-werrieta l-ohra.

L-**Av. Joseph M. Buttigieg** xehed illi huwa kien nominat bhala perit legali fil-kawza *Il-Pulizija vs Kenneth Ghiller*. Huwa kien ipprezenta relazzjoni fejn ikkonkluda li l-kwistjoni kienet ta` natura civili mhux penali. Ikkonferma li fis-26 ta` Novembru 2007 kienet saret seduta peritali go fond il-Fgura. Kienu prezenti l-Ispettur Alex Grech, Francis Cachia, Paul Gauci, l-imputati, l-Av. Frank Cassar u l-Av. Noel Camilleri. Waqt is-seduta inghad illi kienet saret kirja bil-miktub u li kienu thallsu xi flus lil min ghamel il-kirja. Fil-kontroezami, Dr. Buttigieg ikkonferma l-atti mill-kawza *Il-Pulizija vs Kenneth Ghiller* li kienu esebiti fil-kawza tal-lum.

**Paul Gauci** xehed li ommu Josephine Gauci kienet wahda mis-sidien tal-fond 25, Triq il-Ponta, Isla. Fis-26 ta’ Novembru 2007 kien prezenti ghal wahda mis-seduti li saru fil-kawza *Il-Pulizija vs Ghiller et.* Huwa stess kien xehed waqt seduta li kienet saret fit-2 ta’ Ottubru 2007. Hemm kien xehed illi wara li kien thajjar jikri l-post ghal ibnu, induna li l-post kien okkupat, minkejja li ommu qatt ma tat permess ghall-okkupazzjoni jew kienet infurmata b`xi okkupazzjoni. Fis-seduta tas-26 ta` Novembru 2007, telghet tixhed Rita Galea (bint Carmela Gatt) li stqarret li kienet tat ic-cwievet lil ta’ Ghiller u lil Charles Cachia bi ftehim ta’ kera. Dik kienet l-ewwel darba li kien qatt sema’ b’dak il-fatt. Sa dakinhar huwa kien tah l-impressjoni li l-okkupazzjoni kienet illegali u bla titolu. Sa dakinhar ma kien intwera l-ebda dokument li juri li ta` Ghiller kienu hadu l-post b`kera. Huwa jghid li nhasad b`dik l-ahbar. Qatt ma rcieva flus minn dik il-kirja. Sa ma sema` dakinhar li l-post waqa` f`idejn Ghiller u Cachia, huwa kien ghadu bl-idea li l-post kien ghadu battal wara l-mewt ta` Carmela Gatt. Ikkonferma li l-kawza tal-lum saret fil-pront

wara li l-atturi saru jafu bil-kirja minghajr il-kunsens taghhom waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2007.

**Rita Galea** xehdet li kienet hi li ta c-cavetta tal-post lil Kenneth Ghiller. Lill-atturi ma kellmithomx qabel tat ic-cavetta. Qalet li Francis Cachia kien ilu madwar sena u nofs gej u sejjer ghandha sabiex taghtih ic-cavetta ghax kien interessat jixtri l-post. U hekk ghamlet Ghiller staqsa jekk il-post kienx ghadu vojt u qaltlu li l-post kien ser jiehdu Francis Cachia. Meta Francis Cachia ta lura c-cavetta lura ghax ma kienx interessat jixtri, qalilha li setghet taghti c-cavetta lil Ghiller. Dan kien fi Frar 2004. Ghamlet kuntatt ma` Ghiller u ftehmet mieghu li jiehu l-post. Ghiller taha Lm500 tal-ispejjez li hi u huha kienu ghamlu fil-post meta kien mikri lil ommha.

Fil-**kontroezami**, Rita Galea xehdet illi Francis Cachia kien jaf li Ghiller ried jikri l-post u dan peress li kien Cachia stess li taha lura c-cavetta u qalilha li setghet taghti l-post lil Ghiller ghax ma kienx aktar interessat jixtri. Sostniet li Frans Cachia dak iz-zmien kien qed jaghmel kuntatti anke mal-qraba li jghixu barra billi ried jixtri l-post. Ikkonfermat illi hi ma nfurmat lil hadd mill-familja taghha li kienet sejra taghti l-post lil Ghiller. Hi u huha biss kienu prezenti meta saret l-iskrittura tal-kera ma` Ghiller. Il-kirja saret biex Ghiller ighix fil-post. Qalet li kien hemm okkazjoni fejn Francis Cachia infurmaha li Ghiller kien qed jahdem fil-post. Hi qalet lil Cachia li kienet tat ic-cavetta lil Ghiller. Meta staqsieha ghaliex ghamlet hekk, hija wiegbet lil Cachia illi kien hu stess li kien qalilha biex taghti c-cavetta lil Ghiller. Wara dik l-okkazzjoni, Frans Cachia ma kienx rega` kellimha. Xehdet illi qrib il-post in kwistjoni kienu jghixu familjari ohra fosthom Georgina Cachia u Rita Chircop. Dawn qatt ma kellmuha minkejja li l-post kien okkupat minn Ghiller. Dan tal-ahhar ghamel xogholijiet fil-post. Beda jahdem fih f`Marzu u dahal ighix fih f`April.

L-**Av. Frank Cassar** xehed illi hu kien jippatrocina lil uhud mill-atturi fil-proceduri kriminali li kienu ttiehdu kontra Sammy Ghiller u ohrajn dwar l-uzu tal-fond 25, Triq il-Ponta, Isla. Fl-ambitu tal-kawza tal-pulizija, fis-26 ta` Novembru 2007, saret seduta mill-perit legali Av. Joseph M. Buttigieg fir-residenza ta` Rita Galea, li ghaliha kienu prezenti hu stess, Francis Cachia u Paul Gauci. Waqt is-seduta, inqala` dizgwid u Francis Cachia kien ordnat johrog barra. Meta bdiet tixhed Rita Galea din qalet illi kienet tat ic-cwievet tal-fond 25, Triq il-Ponta, Senglea, lil Kenneth Ghiller. Dak il-hin semmiet li kienet saret skrittura ta` kera. Qabel dakinhar qatt – la fis-seduti u lanqas fil-korrispondenza bejn l-avukati – ma kien issemma li Ghiller kellu titolu ta` kera.

**Kenneth Ghiller** xehed illi huwa sar jaf bil-post de quo f`Dicembru 2003 minghand Charles Cachia. Dak iz-zmien kien qed ifittex post ghall-kiri. Charles Cachia qallu biex ikellem lil Rita Galea. Meta kellimha, dik qaltlu li kienet lesta titlaq il-post minn idejha izda riedet tithallas l-ispejjez tas-soqfa li kienet sewwiet. Rita Galea qaltlu li c-cwievet kienu ghand Francis Cachia peress li dan kien imhajjar jixtri l-post ghal bintu. Kellem lil Francis Cachia izda dan ma riedx jaghtih ic-cavetta u qallu li kien ser jaghtiha lil Rita Galea u mbaghad tara hi x’taghmel biha. Informa lil Francis Cachia li kien interessat fil-post. Dakinhar stess cemplitlu Rita Galea u qaltlu li Francis Cachia kien taha c-cwievet. Galea tat ic-cwievet lil Ghiller li mar jara l-post. Ghalkemm il-post kellu l-hsara u kien zghir fid-daqs, ghogbu u ftiehem ma` Rita Galea illi jhallasha nofs l-ispejjez tas-soqfa u mbaghad jirranga ghall-kera. Fi Frar 2004 qaleb il-meters tad-dawl u l-ilma fuq ismu, u wara beda jirranga l-post.

Wara domanda tal-Qorti, Ghiller ikkonferma li huwa kien jaf li l-post kien kompropjeta`. Beda jhallas il-kera lil Charles Cachia li kien jigbor il-kera. Persuni li kellhom sehem rawh fic-cert diehel u hiereg fil-post. Sostna li hu ma marx ghand id-diversi sidien biex igharrafhom illi kien kera l-post. Spjega li f`okkazjoni minnhom Rita Galea

cemplitlu ghand ommu u qaltlu li kien avvicinaha Francis Cachia u hi kienet qaltlu li kienet tat ic-cwievet lilu. Skond Ghiller, Rita Galea kienet qaltlu li kollox kien sew. Ghiller spjega li meta kien qed jahdem fil-post, Giorgia Cachia kienet marret fejnu u wissietu li ma kienx ghamel tajjeb li sgassa l-bieb biex jidhol fil-post. Ghiller spjega li kienu gew il-pulizija u hu qalilhom li sgassa u lanqas seraq. Meta kellmuh il-pulizija kellu diga` l-ktieb tal-kera u urieh lill-pulizija.

Xehed illi l-kirja bdiet fit-12 ta` Dicembru 2003. Kien ihallas kera ta` Lm20 fis-sena. Ittiehdu proceduri kontra tieghu bil-pulizija wara rapport ta` Francis Cachia. Sostna li Cachia qatt ma avvicinah minkejja li kien jarah fil-post.

Fil-**kontroezami**, Kenneth Ghiller xehed illi Charles Cachia ffirma l-ktieb tal-kera. Wara l-2007 beda jiddeposita l-kera fil-Qorti. Wara li nbidlet il-ligi tal-kera ma baqax ihallas Lm20 fis-sena izda €270 fis-sena. Charles Cachia dejjem accetta l-kera. Sostna illi huwa kien qal lil Giorgia Cachia illi kien irranga kollox ma` Rita Galea u li kien qed ihallas il-kera lil Charles Cachia. Ikkonferma illi huwa qatt ma tkellem mal-atturi dwar il-kirja. L-unici li kienu jafu bil-kirja kienu Rita Galea, u huha, Charles Cachia u Giorgia Cachia.

Mistoqsi mill-Qorti jekk fil-kawza kriminali kienx ressaq bhala difiza it-titolu tal-kera, Ghiller wiegeb fl-affermattiv.

Sostna li r-rata tal-kera baqghet dik li kienet fi zmien Carmela Gatt ghaliex huwa kien sejjer isewwi l-post. Ikkonferma li kien waqt is-seduta li saret fid-dar ta` Rita Galea illi wera l-iskrittura tal-kera.

**Charles Cachia** xehed illi wara l-mewt tal-genituri tieghu huwa beda jiehu hsieb jigbor il-kera tal-post in

kwistjoni. Ighid illi huwa mar flimkien mal-konvenut Ghiller ghand Rita Galea peress li ried jikri l-post. Rita Galea qaltilhom li c-cavetta kienet ghand Francis Cachia. Ighid li kellem lil Francis Cachia u talbu jaghti lura c-cavetta lil Rita Galea ghaliex huwa xtaq jikri l-post lil Ghiller. Dan kollu gara aktar minn tmien snin qabel. Francis Cachia rrabja izda xorta wahda ta c-cavetta lil Rita Galea. Xehed illi Rita Galea ma kenitx lesta taghti lura c-cavetta qabel ma tithallas tal-ispejjez li kienu saru fil-post. Ghiller accetta li jhallasha hu. Huwa baqa` jigbor u jqassam il-kirja : kien hemm min hadhom u min ma hadhomx.

Fil-**kontroezami**, Charles Cachia xehed illi missieru miet fl-1998. Wara l-mewt tieghu, baqa` jiehu hsieb hu l-gbir tal-kirja. Ikkonferma li hadd ma tah permess jigbor il-kirjiet. Is-sehem mill-kirja spettanti lil Francis Cachia kienet tehodhom ohtu Giorgia Cachia. Gharaf il-firma ta` Giorgia Cachia fuq l-ircevuta a fol 310 tal-process li kienet tkopri is-snin 1998 sa 2002. Wara l-2002, hadd mis-sidien ma ha kera lanqas minghand Kenneth Ghiller. Sal-2002, il-post kien ghadu okkupat minn Carmela Gatt.

Charles Cachia kompla jixhed illi huwa mill-ewwel kien jaf illi l-post kien inkera lil Ghiller ghax kien tkellem ma` Rita Galea. Ghall-ewwel erba` snin thallas hu l-kera minghand Ghiller u wara Ghiller beda jhalli l-kera l-Qorti.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx tkellem ma` haddiehor mill-familjari tieghu wara li Ghiller beda jikri l-post, Charles Cachia sostna li huwa ma kellem lil hadd inkluz dawk residenti l-Awstralja.

**Ikkunsidrat :**

**III. Dritt**

**Wara** l-emenda li saret bl-Att X tal-2009, l-**Art 1527 tal-Kap 16** gie jaqra hekk –

*(1) Il-kiri ta' fond urban, dar ghall-abitazzjoni jew fond kummercjali li jkun fil-pussess ta' aktar minn persuna wahda ghandu jsir mill-kom-pussessuri izda minghajr hsara ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 1530.*

*(2) Fil-kaz meta wiehed mill-kom-pussessuri jkun ukoll jokkupa l-fond ko-pussedut, jekk il-partijiet jiftiehmu li jsir kuntratt ta' kiri, dan ghandu jsir permezz ta' kuntratt bil-miktub bejn il-kom-pussessuri kollha minn naha l-wahda u min jokkupa l-fond minn naha l-ohra ; u minn hemm 'il quddiem dik il-persuna titqies bhala inkwilina, skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' kuntratt ta' kera, waqt li ma titlifx id-drittijiet taghha bhala kompussessur :*

*Izda dan is-subartikolu ghandu jkun minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tat-Titolu V tat-Tieni Ktieb, Taqsima I ta' dan il-Kodici.*

*(3) Il-kiri li jsir minn wiehed mill-kum-pussessuri ta' fond urban, dar ta' abitazzjoni jew fond kummercjali minghajr awtorizzazzjoni b'sentenza tal-Bord tal-Kera, jew fil-kaz ta' mobbli minghajr awtorizzazzjoni tal-qorti kompetenti, jew minghajr il-kunsens ta' xi wiehed mill-kom-pussessuri l-ohra, jista' fuq talba ta' wiehed minn dawn il-kom-pussessuri l-ohra, jigi annullat, kemm-il darba din it-talba ssir fi zmien xahrejn minn dakinhar li dan il-kom-pussessur l-iehor ikun sar jaf b'dak il-kiri.*

**Id-disposizzjoni kif inhi llum pero` ma tapplikax ghall-kaz taht ezami ghaliex il-kirja favur Kenneth Ghiller saret qabel kienet emendata l-ligi. Inoltre l-kawza kienet prezentata qabel saret l-emenda.**

Fiz-zmien **rilevanti** ghall-kaz tal-lum, l-**Art 1527** kien jaqra hekk –

*Il-kiri li jsir minn wie*hed *mill-komposessuri tal-*haga, *ming*hajr *awtorizazzjoni b' sentenza tal-qorti kompetenti*

*jew minghajr il-kunsens ta' xi wiehed mill-kompossessuri l-ohra, jista' jigi fuq talba ta' dan il-kompossessur l-iehor, jigi annullat, kemm-il darba din it-talba ssir fi zmien xahrejn minn dakinhar li dan il-kompossessur ikun sar jaf b'dak il-kiri.*

Din il-Qorti qeghda ssemmi l-emenda fil-ligi tal-2009 ghaliex fin-noti ta` sottomissjonijiet, **eskluza** dik tal-konvenut Kenneth Ghiller, hemm riferenza ghall-Art 1527 *kif emendat*. Din il-Qorti tirrileva pero` illi fir-risposta guramentata ulterjuri, korretta kienet ir-riferenza u cioe` ghall-Art 1527 [mhux ghall-Art 1527(3)] tal-Kap 16.

L-azzjoni skond l-Art 1527 tal-Kap 16 hija disponibbli ghal **kull** komproprjetarju anke wiehed biss (ara : **Zammit vs Saliba** – Appell Civili – 1 ta` Dicembru 1930 ; **Peralta vs Wirth** – Appell Civili – 16 ta` Novembru 1949 ; **Briffa et vs Sullivan** – Appell Civili – 25 ta` Frar 1957 ; **Ciappara vs Caruana** – 20 ta` Jannar 1961 ; **Scicluna vs Schembri** – Appell Civili – 27 ta` Lulju 1983 ; **Sammut vs Vella** – Appell Civili – 26 ta` Ottubru 1983 ; **Albani vs Scicluna** – Appell Civili – 2 ta` Gunju 1988 ; **Bianco vs Agius** – Appell Civili – 25 ta` Frar 1999 ; **Stilon et vs Mizzi et** – PA/RCP – 29 ta` Mejju 2001 ; **Darmanin vs Darmanin** – PA/TM – 20 ta` Ottubru 2005).

Dwar l-istess disposizzjoni, din il-Qorti (PA/PS) fis-sentenza taghha tas-17 ta' Novembru 2003 fil-kawza "**Parnis noe vs S. R. Woodwork Ltd"** irrimarkat hekk –

*L-azzjoni ezercitata mill-atturi tirrikonoxxi bhala bazi taghha dak kontenut fl-Artikolu 1527 tal-Kodici Civili … Huwa evidenti illi l-precitat artikolu huwa intimament allaccjat mal-kuncett tal-komunjoni tal-beni. Li jfisser li hekk kif wiehed mill-ko-proprjetarji ta' fond komuni ma jistax jaqbad u jokkupa dak il-fond kontra l-kunsens tal-koproprjetarji l-ohra, jew jippreskludi lil dawn milli jaghmlu uzu huma wkoll mill-istess fond (Vol. XXXIX P I p 265), hekk ukoll "un comproprietario non potrebbe dare in*

*locazione, indipendentemente dagli altri comproprietari, la sua quota indivisa della cosa, perche` in quel caso egli verrebbe dare il diritto di godere della cosa tanto per la parte sua propria quanto per la parte indivisa dei suoi comunisti, poiche` l' inquilino non potrebbe godere della parte del locatore senza godere della parte dei comproprietari." (Vol. XXVI P II p 251) ;*

*Fit-test imsemmi, il-ligi ma tirrikjedi l-ebda gusta kawza ghall-annullament tal-kirja li tkun saret kif fl-imsemmi artikolu prevvist, imma trid biss li dil-lokazzjoni tkun saret minghajr il-kunsens tal-komproprjetarji jew l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti (Vol. XLII P I p 333), u li l-azzjoni tendenti ghall-annullament taghha tkun giet intavolata fiz-zmien preskritt ta' xahrejn, inkella ma tissussistix (Vol. XXIII P II p 6).*

(ara wkoll – **Schembri et vs Muscat et** – 19 ta` Ottubru 2011 – Qorti ta` l-Appell Inferjuri).

**Ikkunsidrat :**

## IV. Risultanzi

Huwa evidenti mit-test tad-disposizzjoni illi t-terminu ta` xahrejn ma jibdiex jiddekorri mid-data li fiha ssir il-kirja izda minn dakinhar li l-koproprjetarji jew kopossessuri jsiru jafu bil-kirja.

Kif inghad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-26 ta` Mejju 1958 fil-kawza "**Agius et vs Farrugia et"** – *"il-piz tal-prova tax-xjenza tal-kiri fil-kompossessur instanti ghandu jippruvaha min jallega dik ix-xjenza, jigifieri l-konvenuti … u fil-kaz li din il-prova ma tkunx adegwata, jew anki fil-kaz ta' dubju, l-allegata xjenza ghandha tkun respinta".*

Sabiex tghid jekk l-atturi ddekadewx mid-dritt tal-azzjoni (kif pretiz mill-konvenuti) inkella le, din il-Qorti trid tqis l-assjem tal-provi li ressqu l-partijiet.  Fil-kaz tal-lum, tikkostata konflitt car fil-verzjonijiet.

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza '**Xuereb et vs Gauci et**', il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk –

*Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur". Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001. Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (**Kollez. Vol L pII p440**)."*

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Bugeja vs Meilak",** din il-Qorti (PA/TM) irrimarkat –

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien*

*mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi.*

Fis-sentenza taghha tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" din il-Qorti (PA/PS) qalet –

*Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

Fil-fehma ta` din il-Qorti, irrizulta mill-provi li l-atturi, partikolarment Francis Cachia u ohtu Giorgia Cachia, kienu konsapevoli tal-fatt li Kenneth Ghiller kien beda jokkupa l-fond in kwistjoni wara li ghamel xogholijiet fih. Madanakollu, dak il-fatt wahdu, bil-maqlub ghal dak li sostnew il-konvenuti, ma jammontax ghal konoxxenza tal-ezistenza ta` kirja favur l-istess Ghiller. Il-ligi titkellem car illi x-xahrejn jibdew jiddekorru minn meta l-koproprjetarji jsiru jafu bil-kirja mhux minn meta l-koproprjetarji jittendu li l-fond ikun okkupat minn haddiehor anke jekk minghajr il-permess taghhom. Il-fatt li l-atturi, jew uhud minnhom, ipprezentaw kwerela kontra Ghiller u familjari tieghu, u kontra Charles Cachia, izda mhux kontra Rita Galea u huha, huwa prova bizzejjed li sa dak l-istadju, hadd mill-kwerelanti ma kien jaf bl-ezistenza tal-kirja. Dana qed jinghad peress li fl-ewwel lok, li kieku kienu jafu bil-kirja, kienet tkun haga verament ovvja u cara li l-kompetenza f`materja bhal dik ma kenitx tkun ta` qorti kriminali izda ta` qorti civili, u fit-tieni lok, anke li kieku ghall-grazzja ta' l-argument, kienet ghadha l-fehma tal-kwerelanti li l-forum kompetenti kienet il-qorti kriminali, kienu jigu mharrka wkoll Rita Galea u huha, li effettivament kienu huma dawk li taw ic-cwievet lil Ghiller, u li wara rrizulta li taw il-post

b`kera lil Ghiller. Kwindi l-istituzzjoni ta’ l-kawza kriminali dwar *ragion fattasi* fil-kaz tal-lum tkompli tikkonferma li l-kwerelanti f`dak l-istadju ma kinux edotti bl-ezistenza tal-kirja. Barra minn hekk, irrizulta li hekk kif saru jafu bil-kirja, l-atturi kienu pronti pprezentaw il-kawza tal-lum, u mhux qaghdu jistennew li tkun deciza l-kawza kriminali.

Jirrizulta mix-xiehda ta` Rita Galea, Kenneth Ghiller u Charles Cachia li ma qalu lil hadd bil-kirja. Lanqas ma hallsu lill-atturi l-kera jew parti minnha. Huwa ferm sinjifikattiv li l-ircevuti ezebiti minn Charles Cachia tal-hlas tal-kera jkopru z-zmien qabel Ghiller beda jokkupa l-post. Id-domanda li temergi hi : jekk din il-kirja kienet maghrufa mill-atturi, hekk kif isostnu l-konvenuti, ghalfejn il-konvenuti ma offrewx l-kera lil attrici Giorgia Cachia kif kien isir qabel ? Tajjeb jinghad ukoll li minkejja li ntqal li f`xi stadju, il-kera bdiet tigi depositata fil-Qorti, ma ngabet l-ebda prova dokumentarja ghall-konferma tad-depozitu. Fil-fehma ta` din il-Qorti, dan in-nuqqas, flimkien mal-evidenza cara li l-kirja nzammet mistura mill-atturi, huwa indikattiv li hija nfondata u nveritiera l-verzjoni tal-konvenuti li l-atturi kienu jafu bil-kirja minn meta kienet kostitwita.

Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghax-xiehda ta` Giorgia Cachia fejn sostniet li kienet taf li Rita Galea kienet disposta taghti l-fond lil dawk li kienu lesti li jhallsu lilha u lil huha ta’ l-ispejjez li kienu saru fih. Din il-Qorti ma tqisx din bhala ammissjoni da parti taghha illi kienet taf bil-kirja. Fil-fatt irrizulta li Rita Galea kellha c-cwievet tal-fond. Il-fatt li tat ic-cwievet lil Ghiller ma jimplikax li sar ftehim ta’ kera. Del resto l-istess Rita Galea kienet, qabel Ghiller, tat ic-cwievet lill-attur Francis Cachia ghax kien interessat jixtri l-post ghal bintu. Issir riferenza wkoll ghax-xiehda ta` Saviour Cachia li fisser illi Rita Galea kienet infurmatu li kienet tat ic-cwievet lil Ghiller izda dan kien bidel is-serratura b`tali mod li kien nehha l-access li Galea stess kellha ghal dan il-fond. Dan ikompli jikkorrabora kemm l-ghan u l-iskop ta’ dawk involuti fil-kirja

kien li propju tkun mistura l-ezistenza taghha lil familjari ohra.

Issir riferenza ghall-argument tal-konvenuti illi fil-proceduri kriminali, Francis Cachia kien xehed illi huwa sar jaf bil-ftehim ta` bejn Kenneth Ghiller u u Rita Galea minghand Saviour Cachia qabel is-sajf tal-2007. Din il-Qorti ssostni li din ix-xiehda ma ghandhiex tittiehed barra mill-kuntest taghha. Infatti meta wiehed iqis ix-xiehda ta' Saviour Cachia, kemm dik illi ta fil-kawza tal-lum kif ukoll fil-kawza tal-pulizija, jirrizulta li dan ma kienx jaf li kien hemm ftehim bejn Rita Galea u Kenneth Ghiller, izda addirittura li Rita Galea kienet infurmatu li kienet tat ic-cwievet lil Ghiller izda dak qabad qabad u biddel is-serratura. Ghalhekk, dak li seta' qal Saviour Cachia lil Francis Cachia ma kienx jirrelata mal-kwistjoni ta' l-ezistenza tal-kirja, peress li lanqas l-istess Saviour Cachia ma kien ghadu jaf bil-kirja.

Il-verzjoni tal-atturi hija aktar verosimili minn dik tal-konvenuti. Din il-Qorti ma tistax taghti affidament lill-verzjoni ta` Rita Galea meta tghid illi kien Francis Cachia li taha permess biex taghti c-cwievet tal-fond lil Ghiller. Cachia kien interessat fl-akkwist tal-post ghal bintu, u certament ma kienx ser jaghti dik ix-xorta ta` permess. Barra minn hekk, Rita Galea kkonfermat fix-xiehda taghha quddiem il-perit legali Av. Joseph M Buttigieg fil-proceduri kriminali li "*ghalkemm kien qalli li stajt naghtihom ic-cavetta, Frans Cachia xorta baqa' jcempel biex jistaqsini x' kont ghamilt biha.*" (fol 6). Anke din tkompli tikkonferma li mhuwiex minnu li Francis Cachia ta l-kunsens tieghu sabiex ic-cwievet jinghataw lil Ghiller. Li l-kirja baqghet ma gietx zvelata lill-atturi jirrizulta kemm mix-xiehda tal-konvenuti waqt din il-kawza, kif ukoll mid-deposizzjoni taghhom fil-kawza tal-pulizija. Tirrizulta wkoll mill-fatt illi l-kera thallset lil Charles Cachia li ma kellu l-ebda mandat mill-atturi li jircievi kera. Evidenti kien it-tentattiv tal-konvenuti li jahbu kemm jistghu l-kirja biex jaghmluha aktar difficli ghas-sidien l-ohra li jimpunjawha f`xi stadju wara.

Finalment il-Qorti tirrileva illi din il-kawza ma gietx istitwita minn Francis Cachia u Giorgia Cachia biss, izda minn kompropjetarji ohra residenti barra u li huma rapprezentanti minn persuni ohra li mhumiex Francis Cachia u Giorgia Cachia. Da parti tieghu, Francis Cachia xehed li huwa qatt ma kien jirraprezenta l-interessi ta' dawk residenti barra. Irrizulta li hadd minn ta` barra ma kien jaf jew kien infurmat illi saret il-kirja. Kif lanqas ma rrizulta ppruvat illi kienu jafu li Ghiller dahal fil-post. Infatti l-konvenuti kkonfermaw li fl-ebda hin ma avvicinaw lil ta` barra b`li kien gara. Inoltre s-sidien residenti barra, u li huma atturi fil-kawza, qatt ma kienu parti mill-proceduri kriminali in kwistjoni. Irrizultat sal-grad rikjest mil-ligi l-prova illi hadd mill-atturi ma kien edott mill-kirja qabel is-26 ta` Novembru 2007. Kwindi ladarba l-kawza tal-lum kienet prezentata fl-24 ta` Jannar 2008, it-terminu ta` xaghrejn indikat fl-Art 1527 tal-Kap 16 kien rispettat u allura ma hemm l-ebda kwistjoni ta` preskrizzjoni.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tax-xahrejn skond l-Art. 1527 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta, kif kienet dedotta fir-risposta guramentata ulterjuri tal-konvenuti Kenneth Ghiller, Charles Cachia u Josephine Ghiller, bl-ispejjez kontra dawn l-istess konvenuti, u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------